



Brussell, 6 ta' Frar 2026
(OR. en)

5821/26

LIMITE

FISC 51
ECOFIN 118

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa - Approvazzjoni

1. Fl-10 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill qabel dwar l-aħħar reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa (Anness I) u s-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-impnġi meħuda minn ġurisdizzjonijiet kooperattivi biex jimplementaw prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa (Anness II).¹
2. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Ecofin laqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fir-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx f'Ottubru 2025. Il-Kunsill ħeġġeġ lill-Grupp iżomm djalogi effettivi mal-ġurisdizzjonijiet, kif ukoll monitoraġġ, u skrinjar, biex jappoġġa l-konformità tagħhom mal-kriterji tal-elenkar tal-UE u t-twettiq tal-impnġi sal-iskadenza miftiehma.

¹ Id-dokument 12932/25.

3. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) kompla bl-interazzjonijiet u d-djalogi mal-ġurisdizzjonijiet rilevanti biex jivvaluta l-iżviluppi reċenti u l-implimentazzjoni tal-impENji tagħhom, bil-ħsieb tar-reviżjoni tal-lista tal-UE.
4. Is-sottogrupp tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ltaqa' fil-15 ta' Jannar 2026 biex jevalwa l-iżviluppi fil-ġurisdizzjonijiet u biex iħejji r-reviżjoni tal-lista tal-UE. Fit-28 ta' Jannar 2026, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta kkunsidra u qabel dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u r-rapport tas-COCG lill-Kunsill dwar l-aġġornament tal-lista tal-UE. It-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill jinsab fl-Anness.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden:
 - jikkonferma l-qbil dwar it-test u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa li jinsab fl-Anness, bħala punt "A" fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Frar 2026;
 - jissuġġerixxi li l-Kunsill jaqbel dwar il-pubblikazzjoni tal-lista riveduta li tinsab fl-Anness tal-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

1. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-promozzjoni u t-tisħiħ ta' standards ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, inkluż fil-qasam tat-tassazzjoni ġusta, u t-trasparenza tat-taxxa, u tal-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dinji;
2. JAPPREZZA l-kooperazzjoni produttiva kontinwa dwar kwistjonijiet ta' taxxa bejn il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi ("Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta") u l-biċċa l-kbira tal-ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja;
3. JILQA' l-progress li sar fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti bil-passi attivi meħuda sal-iskadenzi maqbula, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità mal-kriterji dwar it-trasparenza fiskali tal-lista tal-UE; JILQA' b'mod partikolari l-konformità mal-kriterji kollha tal-elenkar ta' għadd ta' ġuriżdizzjonijiet li ġew inklużi fil-lista mill-2017, li rriżultat fit-tneħħija tagħhom minnha; JILQA' wkoll il-passi u l-impenji reċenti li ttieħdu minn xi ġuriżdizzjonijiet li ilhom elenkati għal perjodu ta' żmien estiż; u JHEĠĠĠEĠ lil dawk il-ġuriżdizzjonijiet ikomplu bl-isforzi biex isolvu l-kwistjonijiet li fadal bil-ħsieb ta' aġġornamenti futuri tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa;
4. JIDDISPJACIJIH li xi ġuriżdizzjonijiet għadhom ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u xi oħrajn naqsu milli jissodisfaw l-impenji tagħhom lejn il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta jew milli jissodisfaw l-istandards internazzjonali, fosthom dwar l-iskambju ta' informazzjoni fuq talba skont il-kriterju 1.2, dwar ir-riforma ta' reġimi tat-taxxa dannużi skont il-kriterju 2.1, jew l-infurzar ta' rekwiżiti ta' sustanza ekonomika skont il-kriterju 2.2; JISTIEDEN lil dawn il-ġuriżdizzjonijiet jikkollaboraw mal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta sabiex il-kwistjonijiet pendenti jiġu solvuti;

5. JIDDISPJAĊIH li t-Turkija ma għamlet l-ebda progress ma' Stat Membru wieħed dwar l-iskambju awtomatiku effettiv ta' informazzjoni; ITENNI l-appell tiegħu lit-Turkija biex tibda r-relazzjonijiet ta' skambju awtomatiku ta' informazzjoni pendenti ma' Stat Membru wieħed u biex tikkonforma bis-siġħ mar-rekwiżiti stipulati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ecofin tat-22 ta' Frar 2021, il-5 ta' Ottubru 2021, l-24 ta' Frar 2022, l-4 ta' Ottubru 2022, l-14 ta' Frar 2023, is-17 ta' Ottubru 2023, l-20 ta' Frar 2024, it-8 ta' Ottubru 2024, it-18 ta' Frar 2025 u l-10 ta' Ottubru 2025; ITENNI li l-iskambju effettiv awtomatiku ta' informazzjoni mal-Istati Membri kollha huwa kondizzjoni biex it-Turkija tissodisfa l-kriterju 1.1 tal-lista tal-UE; JISTIEDEN lill-Grupp jgħarraf lill-Kunsill dwar l-iżviluppi f'dan ir-rigward u jkompli jindirizza l-kwistjonijiet pendenti fejn ma sar ebda progress;
6. JAPPROVA r-Rapport tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta kif jinsab fid-dokument 5822/26;
7. JAPPROVA għalhekk il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa kif tinsab fl-Anness I;
8. JAPPROVA s-sitwazzjoni attwali rigward l-impenji meħuda mill-ġuriżdizzjonijiet li jikkooperaw biex jimplimentaw l-istandards ta' governanza tajba tat-taxxa, kif jinsab fl-Anness II.

Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa

1. Is-Samoa Amerikana

Is-Samoa Amerikana ma tapplika l-ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, u ma impenjatx ruħha li tindirizza din il-kwistjoni.

2. Anguilla

Anguilla tiffaċilita strutturi u arranġamenti offshore maħsuba biex jattiraw profitti mingħajr sustanza ekonomika reali billi tonqos milli tiegħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti ta' sustanza skont il-kriterju 2.2.

Anguilla ħadet l-impenn li tindirizza n-nuqqasijiet fir-rigward tal-qafas tagħha għall-iskambju ta' informazzjoni fuq talba identifikati mill-Forum Globali u li titlob u li tingħata evalwazzjoni fil-fond mill-Forum Globali qabel l-24 ta' Lulju 2026.

3. Guam

Guam ma japplika l-ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, u din il-kwistjoni għadha ma ġietx solvuta.

4. Palau

Palau ma ffirmax u ma rratifikax il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka kif emendata u għadu ma solviex din il-kwistjoni.

5. Il-Panama

Il-Panama għandha reġim ta' eżenzjoni dannuż ta' dħul minn sorsi barranin u għadha ma solvietx din il-kwistjoni.

Il-Panama ħadet l-impenn li tindirizza n-nuqqasijiet fir-rigward tal-qafas tagħha għall-iskambju ta' informazzjoni fuq talba identifikati mill-Forum Globali u li titlob u li tingħata evalwazzjoni fil-fond mill-Forum Globali qabel is-17 ta' Lulju 2026.

6. Il-Federazzjoni Russa

Il-Federazzjoni Russa għandha reġim preferenzjali ta' taxxa dannuż (Kumpaniji Holding Internazzjonali) u għadha ma solvietx din il-kwistjoni.

7. Il-Gżejjer Turks u Caicos

Il-Gżejjer Turks u Caicos jiffaċilitaw strutturi u arranġamenti offshore maħsuba biex jattiraw profitti mingħajr sustanza ekonomika reali billi jonqsu milli jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti ta' sustanza skont il-kriterju 2.2.

8. Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti

Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti ma japplikaw l-ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, u din il-kwistjoni għadha ma ġietx solvuta.

Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti għandhom reġimi preferenzjali dannużi tat-taxxa (il-Programm ta' Żvilupp Ekonomiku, il-Kumpaniji Eżentati, l-Att Regulatorju taċ-Ċentru Bankarju Internazzjonali), u ma impenjawx ruħhom li jindirizzaw din il-kwistjoni.

9. Vanuatu

Vanuatu jiffaċilita strutturi u arranġamenti offshore li għandhom l-għan li jattiraw profitti mingħajr sustanza ekonomika reali u għadu ma solviex din il-kwistjoni.

Vanuatu qed jistenna evalwazzjoni fil-fond mill-Forum Globali fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni fuq talba.

10. Il-Vjetnam

Il-Vjetnam m'għandux klassifikazzjoni ta' mill-inqas "Fil-Biċċa l-Kbira Konformi" mill-Forum Globali għall-iskambju ta' informazzjoni fuq talba.

Il-Vjetnam impenja ruħu li jindirizza r-rakkomandazzjonijiet ġenerali dwar il-partijiet B(1) u B(2) tat-termini ta' referenza għal kull pajjiż mill-Forum Globali f'perjodu ta' żmien li jippermettilhom li jiġu riflessi fir-Rapport ta' Evalwazzjoni bejn il-Pari tal-Azzjoni 13 fil-ħarifa tal-2027.

Is-sitwazzjoni attwali tal-kooperazzjoni mal-UE fir-rigward tal-impenji meħuda minn ġurisdizzjonijiet kooperattivi biex jimplimentaw prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa

1. Trasparenza

1.1 Skambju awtomatiku ta' informazzjoni

Il-ġurisdizzjoni li ġejja mistennija tiskambja informazzjoni b'mod effettiv mas-27 Stat Membru kollha skont l-iskeda ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 6 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 2021, il-paragrafu 4 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021, il-paragrafu 4 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022, il-paragrafu 4 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022, il-paragrafu 7 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2023, il-paragrafu 7 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023, il-paragrafu 5 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2024, il-paragrafu 5 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2024, il-paragrafu 4 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2025 u l-paragrafu 4 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2025:

It-Turkija

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin impenjaw ruħhom li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati u jiksibu determinazzjonijiet legali pożittivi ("Fis-seħħ" jew "Fis-seħħ iżda meħtieġ titjib") dwar iż-żewġ rekwiżiti ewlenin 1 u 2 fir-rigward tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji (AEOI), fil-ħin biex jiġi rifless fir-rapport ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-2026 tal-Forum Globali tal-AEOI:

Il-Ġordan u l-Montenegro

1.2 *Šhubija fil-Forum Globali u klassifikazzjoni sodisfaċenti fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni fuq talba*

Il-ġurisdizzjoni li ġejja qed tistenna evalwazzjoni fil-fond mill-Forum Globali:

Il-Belize

Il-ġurisdizzjoni li ġejja impenjat ruħha li tissodisfa l-passi meħtieġa biex titlob u tingħata, sal-15 ta' Awwissu 2026, evalwazzjoni fil-fond mill-Forum Globali bil-ħsieb li jiġi aġġornat l-iskambju ġenerali tagħha ta' informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni fuq talba għal mill-inqas "fil-biċċa l-kbira konformi" fiż-żmien preskritt:

Il-Montenegro

Il-ġurisdizzjoni li ġejja impenjat ruħha li tissodisfa l-passi meħtieġa biex titlob u tingħata, sal-15 ta' Frar 2027, evalwazzjoni fil-fond mill-Forum Globali bil-ħsieb li jiġi aġġornat l-iskambju ġenerali tagħha ta' informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni fuq talba għal mill-inqas "fil-biċċa l-kbira konformi" fiż-żmien preskritt:

Il-Gżejjer Verġni Brittaniċi

2. Tassazzjoni Ġusta

2.1 *L-eżistenza ta' reġimi ta' taxxa dannużi*

Il-ġurisdizzjoni li ġejja, li ħadet l-impenn li temenda jew tabolixxi reġim tat-taxxa preferenzjali fl-ambitu tal-Forum dwar Prattiki ta' Taxxa Dannużi (FHTP) sal-31 ta' Diċembru 2023, qed tistenna valutazzjoni finali mill-FHTP:

L-Eswatini (żona ekonomika speċjali)

Il-ġuriżdizzjoni li ġejja impenjat ruħha li temenda jew tabolixxi reġim ta' eżenzjoni dannuż ta' dħul minn sorsi barranin sal-31 ta' Diċembru 2025, u nġhatat sat-30 ta' Ġunju 2026 biex tiffinalizza r-riforma tagħha, inkluż fir-rigward tat-trattament tal-qligħ kapitali minn sors barrani, b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2026:

Il-Brunei Darussalam

3. Prevenzjoni tal-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitti

3.2 Implimentazzjoni tal-istandard minimu tar-rapport għal kull pajjiż (Azzjoni 13 tal-BEPS)

Il-ġuriżdizzjonijiet li ġejjin impenjaw ruħhom li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fl-oqfsa domestiċi tagħhom fir-rigward tar-rapportar pajjiż b'pajjiż fil-ħin biex jiġi rifless fir-rapport ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-Azzjoni 13 tal-BEPS IF fil-ħarifa tal-2026:

Greenland, il-Ġordan u l-Marokk